


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Croatia](#)

## Suċċessjonijiet



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

*L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)*

### 1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Id-dritt tas-suċċessjoni u r-regoli li skonthom il-qradi, awtoritajiet oħra u persuni awtorizzati jipproċedu fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni huma rregolati mill-Att dwar is-Suċċessjoni (*Zakon o nasljeđivanju*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 48/03, 163/03, 35/05, 127/13, 33/15 u 14/19).

Trasferiment *causa mortis* jista' jsir fil-forma ta' testment. Testment jista' jsir minn kwalunkwe persuna bil-fakultajiet mentali sani li tkun għalqet l-età ta' 16-il sena.

Huma biss testmenti li jkunu saru fil-forma preskritta mil-liġi u li jkunu suġġetti għall-prerekwiżiti stipulati mil-liġi li huma validi. F'ċirkostanzi ordinarji, testment jista' jiffassal fil-forma ta' testment privat jew testment pubbliku, filwaqt li testment orali jista' jsir f'ċirkostanzi straordinarji.

Testment privat huwa testment olografiku u testment magħmul quddiem ix-xhieda. Testment olografiku huwa wieħed miktub bl-idejn u ffirmat mit-testatur. Testment quddiem ix-xhieda jista' jsir minn testatur li jista' jaqra u jikteb, billi jiddikjara quddiem żewġ xhieda preżenti fl-istess ħin li d-dokument, irrispettivament minn min jista' jkun fasslu, huwa t-testment tat-testatur stess u billi jiffirmah fil-preżenza tagħhom. Ix-xhieda jridu jħallu l-firma tagħhom fuq it-testment.

Testment pubbliku huwa wieħed li jsir bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi. Kull persuna tista' tagħmel testment validu fil-forma ta' testment pubbliku. Persuna li ma tafx taqra jew tiffirma isimha tista' f'ċirkostanzi ordinarji tagħmel testment biss fil-forma ta' testment pubbliku. Testment pubbliku jista', fuq talba tat-testatur, isir minn waħda mill-persuni legalment awtorizzati: imħallef tal-qorti muniċipali (*sudac općinskog suda*), konsulent tal-qorti muniċipali (*sudski savjetnik*) u nutar pubbliku (*javni bilježnik*), u minn rappreżentant konsulari jew diplomatiku/konsulari tar-Repubblika tal-Kroazja barra mill-pajjiż. Il-proċedura u l-azzjonijiet li jridu jsiru minn persuna awtorizzata fit-tfassil ta' testment pubbliku huma stipulati mil-liġi.

Testatur li jkun jixtieq li jagħmel testment fil-forma ta' testment internazzjonali jrid jibgħat applikazzjoni lil persuna awtorizzata biex tfassal testmenti pubbliċi. L-għan li jsir testment internazzjonali huwa li jiġi żgurat li jkun rikonoxxut fir-rigward tal-forma fl-istati li huma partijiet fil-Konvenzjoni tal-1973 li Tipprovdni Liġi Uniformi dwar il-Forma ta' Testment Internazzjonali u l-istati li inkorporaw id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw testment internazzjonali fil-liġi tagħhom.

Huwa biss f'ċirkostanzi straordinarji, li jipprekludu li jsir testment fi kwalunkwe forma valida oħra, li testatur jista' jagħmel l-aħħar testment tiegħu oralment quddiem żewġ xhieda preżenti fl-istess ħin. Testment bħal dan ma jibqax validu ladarba jgħaddu 30 jum minn tmiem iċ-ċirkostanzi straordinarji li sar fih.

Ftehimiet dwar is-suċċessjoni (ftehim li permezz tiegħu persuna tħalli l-patrimonju tagħha stess jew parti minnu lil parti oħra għall-ftehim jew lil persuna terza), ftehimiet dwar wirt jew legat futur (ftehim li permezz tiegħu persuna tħalli wirt li hija tistenna; ftehim dwar il-wirt ta' parti terza li hija ħajja; ftehim dwar il-legat jew benefiċċju ieħor li parti kontraenti tistenna minn wirt li għadu ma nfetaħx) u ftehimiet dwar il-kontenut tat-testament (ftehim li permezz tiegħu persuna timpenja ruħha li tinkludi jew li ma tinkludix ċerta dispożizzjoni fit-testament tagħha, li tirrevoka jew li ma tirrevokax dispożizzjoni fit-testament tagħha) ma humiex ammissibbli skont id-dritt Kroat u għalhekk huma nulli u bla effett.

Id-dritt Kroat jippermetti l-konklużjoni ta' ftehim ta' trasferiment jew distribuzzjoni ta' proprjetà tul il-ħajja. Huwa ftehim li antenat (trasferitur) jikkonkludi mad-dixxendenti tiegħu, fejn it-trasferent jiddistribwixxi u jittrasferixxi lid-dixxendenti tiegħu kompletament jew parzjalment il-proprjetà miżmuma fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt. Il-kunsens tat-tfal kollha u d-dixxendenti l-oħra li t-trasferitur isemmihom għall-wirt huwa meħtieġ sabiex il-ftehim ikun validu. Dan irid jiffassal bil-miktub u jkun attestat minn imħallef tal-qorti kompetenti jew magħmul fil-forma ta' att notarili jew iċċertifikat (jiġi magħmul legalment vinkolanti) minn nutar pubbliku. Il-kuntratt jista' jinkludi lill-konjuġi tat-trasferitur, li l-kunsens tiegħu jkun meħtieġ ukoll f'dak il-każ. Il-proprjetà koperta minn dan il-ftehim ma hijiex inkluża fil-patrimonju u lanqas ma tittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-valur tal-patrimonju.

Id-dritt Kroat ma jippermettix il-konklużjoni ta' ftehim ta' rinunzja ta' wirt li ma jkunx infetaħ. Bħala eċċezzjoni, dixxendent li jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu b'mod awtonomu jista' jikkonkludi ftehim mal-antenat biex jirrinunzja minn qabel għall-wirt li d-dixxendent ikun intitolat għalih mal-mewt tal-antenat. Tali ftehim jista' jiġi konkluż ukoll minn konjuġi fir-rigward tal-wirt li jmur lilu mal-mewt tal-konjuġi tiegħu. Dan irid jiffassal bil-miktub u jkun attestat minn imħallef tal-qorti kompetenti jew magħmul fil-forma ta' att notarili jew iċċertifikat (magħmul legalment vinkolanti) minn nutar pubbliku.

## 2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Il-fatt li jkun tfassal, ġie ddepożitat u mħabbar testment jiġi rreġistrat fir-Reġistru tat-Testmenti Kroat (*Hrvatski upisnik oporuka*), amministrat mill-Kamra tan-Nutara Pubbliċi Kroata (*Hrvatska javnobilježnička komora*). Fuq talba mit-testatur, l-informazzjoni li tikkonċerna dawn il-fatti tintbagħat għar-reġistrazzjoni mill-qrati kompetenti, in-nutara pubbliċi, l-avukati u l-persuni li jkunu għamlu t-testment. Ir-reġistrazzjoni tat-testmenti fir-Reġistru Kroat tat-Testmenti ma hijiex obligatorja u l-fatt li testment ma jkunx irreġistrat fir-Reġistru, jew iddepożitat xi mkien partikolari, ma jippreġudikax il-validità tiegħu.

Qabel ma jmut it-testatur, informazzjoni tar-Reġistru ma tista' ssir disponibbli għal ħadd ħlief it-testatur jew il-persuna espliċitament awtorizzata mit-testatur għal dik ir-raġuni.

Fi proċedimenti tas-suċċessjoni, il-qorti jew nutar pubbliku li jkun qed imexxi l-proċedimenti jrid jitolb l-informazzjoni kollha dwar testmenti possibbli tal-persuna deċeduta mir-Reġistru tat-Testmenti Kroat.

## 3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Il-libertà tat-testatur li jiddisponi mill-proprjetà hija ristretta mid-dritt ta' dawk li jmisshom is-sehem riżervat.

Dawk li jmisshom is-sehem riżervat huma:

- id-dixxendenti tat-testatur, it-tfal adottati, it-tfal fil-kura tat-testatur bħala sieħeb u d-dixxendenti tagħhom, il-konjuġi tat-testatur jew sieħeb ekstramaritali, il-life partner tat-testatur jew il-life partner informali – dawn huma intitolati għal sehem riżervat li jammonta għal nofs il-porzjon li kienu jirċievu skont l-ordni ġuridiku tas-suċċessjoni li kieku ma kienx hemm testment;
- il-ġenituri tat-testatur, l-adottanti u antenati oħrajn – dawn ikunu intitolati għal sehem riżervat biss jekk ikunu permanentement inkapaċitati milli jaħdmu u fil-bżonn, u s-sehem riżervat tagħhom jammonta għal terz tal-porzjon li kienu jirċievu skont l-ordni ġuridiku tas-suċċessjoni li kieku ma kienx hemm testment.

Dawk li jmisshom is-sehem riżervat huma intitolati jitolbu sehem riżervat biss jekk, f'każ speċifiku, jissejġu għall-wirt bħala werrieta legali.

Ir-raġunijiet biex testatur jeskludi mit-testment, kompletament jew parzjalment, werriet intitolat għal sehem riżervat huma ddefiniti mil-liġi. It-testatur jista' jagħmel dan jekk il-werriet ikun wettaq vjolazzjoni serja kontra t-testatur billi kiser obbligu ġuridiku jew morali li jiġi mir-relazzjoni familjari tal-werriet mat-testatur; jekk il-werriet ikun wettaq intenzjonalment reat serju kontra t-testatur jew il-konjuġi, il-wild jew il-ġenitur tiegħu; jekk il-werriet ikun ikkommetta reat kontra r-Repubblika tal-Kroazja jew il-valuri mħarsa mid-dritt internazzjonali; jekk il-werriet sar għażżien jew qiegħed jgħix ħajja diżonesta. It-testatur li jkun jixtieq jeskludi werriet irid jiddikjara espliċitament li se jagħmel dan fit-testment, flimkien mar-raġunijiet għall-esklużjoni. Ir-raġuni għall-esklużjoni trid tkun teżisti fil-mument li jsir it-testment. Bl-esklużjoni, il-werriet jitlef id-dritt tas-suċċessjoni sal-punt tal-esklużjoni nnifisha, u d-drittijiet ta' persuni oħrajn li jistgħu jirtu lit-testatur ikunu ddeterminati daqslikieku l-werriet eskluż ikun miet qabel it-testatur.

Barra mill-possibilità ta' esklużjoni ta' dawk li jmisshom is-sehem riżervat, it-testatur jista' espliċitament jeskludi dixxendent li jkun intitolat għal sehem riżervat minn dak is-sehem kollu jew minn parti minnu jekk id-dixxendent ikollu djun kbar jew jonfoq eċċessivament. Dan is-sehem, minflok ma jmur għand id-dixxendent imċaħħad, imur għand id-dixxendenti tiegħu. Din iċ-ċaħħda tibqa' valida biss jekk, fil-mument tal-mewt tat-testatur, il-persuna mċaħħda jkollha wlied taħt l-età jew ulied ulied taħt l-età minn wild deċedut preċedentement, jew ikollha wlied tal-età jew ulied ulied tal-età minn wild deċedut preċedentement li jkun inkapaċitat milli jaħdem u fil-bżonn. Il-werriet imċaħħad jiret lit-testatur fir-rigward tas-sehem li ma jkunx kopert miċ-ċaħħda kif ukoll meta l-prerekwiżiti għaċ-ċaħħda ma jkunux baqgħu jeżistu fil-mument tal-mewt tat-testatur.

## 4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Jekk it-testatur ma jkun ħalla l-ebda testment, skont il-liġi huwa jintiret mill-werrieta legali tiegħu f'ordnijiet tas-suċċessjoni, bl-applikazzjoni tal-prinċipju li l-werrieta eqreb fis-suċċessjoni jeskludu mis-suċċessjoni lill-werrieta aktar imbiegħda fis-suċċessjoni.

Il-werrieta legali tat-testatur huma:

- id-dixxendenti, it-tfal adottati u t-tfal li jkunu fil-kura tat-testatur bħala sieħeb u d-dixxendenti tagħhom,
- il-konjuġi,
- is-sieħeb ekstraritali,
- il-life partner,
- il-life partner informali,
- il-ġenituri,
- dawk li jadottaw,
- l-aħwa u d-dixxendenti tagħhom,
- in-nanniet u d-dixxendenti tagħhom,
- antenati oħra.

Fir-rigward tad-dritt tas-suċċessjoni, sieħeb ekstraritali huwa ugwali għal konjuġi, filwaqt li t-tfal imwiolda barra ż-żwieġ u d-dixxendenti tagħhom huma ugwali għal tfal imwiolda fiż-żwieġ u d-dixxendenti tagħhom. Unjoni ekstraritali li tagħti d-dritt għal suċċessjoni legali hija unjoni tal-ħajja bejn mara mhux miżżewġa u raġel mhux miżżewweġ li tkun damet għal xi żmien (mill-inqas tliet snin jew inqas jekk tkun twieldet tarbija komuni f'tali unjoni) u tkun waqfet mal-mewt tat-testatur, sakemm ikunu ġew issodisfatti l-prerekwiżiti għall-validità taż-żwieġ.

Fir-rigward tad-dritt ta' suċċessjoni, life partner huwa ugwali għal konjuġi, u l-ulied fil-kura tiegħu bħala sieħeb huma ugwali għal uliedhom stess. Is-sħubija ċivili hija unjoni ta' ħajja tal-familja bejn żewġ persuni tal-istess sess konklużi quddiem awtorità kompetenti, skont id-dispożizzjonijiet ta' liġi speċjali (l-Att dwar is-Sħubija tal-Istess Sess (*Zakon o životnom partnerstvu osoba istog spola*)).

Fir-rigward tad-dritt tas-suċċessjoni, life partner informali huwa ugwali għal sieħeb ekstraritali. Sħubija permanenti informali hija unjoni ta' ħajja familjari bejn żewġ persuni tal-istess sess li ma jkunux daħlu f'life partnership quddiem awtorità kompetenti, bil-kundizzjoni li l-unjoni tkun ilha mill-inqas tliet snin u tkun issodisfatti il-prerekwiżiti għall-validità ta' sħubija tal-ħajja mill-bidu.

Id-dixxendenti u l-konjuġi tat-testatur jinsabu fl-ewwel ordni tas-suċċessjoni. Il-werrieta fl-ewwel ordni tas-

suċċessjoni jirtu f'ishma ugwali. Id-distribuzzjoni *per stirpes* tapplika f'din l-ordni tas-suċċessjoni, għalhekk is-sehem tal-patrimonju li kien imur għand wild deċedut preċedentement li kieku baqa' ħaj wara l-mewt tat-testatur jintiret f'partijiet ugwali minn uliedu, ulied ulied it-testatur; jekk xi ulied uliedu jmutu qabel it-testatur, is-sehem li kien imur għand dawn l-ulied uliedu li kieku kienu ħajjin fil-mument tal-mewt tat-testatur jintiret f'partijiet ugwali minn uliedhom, il-proneputijiet tat-testatur, eċċetra sakemm ikun fadal xi dixxendenti tat-testatur.

Testatur li ma jkun ħalla l-ebda wild jintiret minn werrieta fit-tieni ordni tas-suċċessjoni – il-ġenituri u l-konjuġi tat-testatur. Il-ġenituri tat-testatur jirtu nofs il-patrimonju u l-konjuġi tat-testatur jiret in-nofs l-ieħor. Jekk iż-żewġ ġenituri jmutu qabel it-testatur, il-konjuġi jiret il-patrimonju kollu. Jekk il-konjuġi tat-testatur imut qabel it-testatur, il-ġenituri tat-testatur jirtu l-patrimonju kollu f'ishma ugwali; jekk wieħed mill-ġenituri tat-testatur ikun miet qabel it-testatur, is-sehem tal-patrimonju li kien imur għand dak il-ġenitur li kieku t-testatur miet qablu, jintiret mill-ġenitur l-ieħor. Ħut it-testatur u d-dixxendenti tagħhom jirtu lit-testatur fit-tieni ordni tas-suċċessjoni jekk il-konjuġi tat-testatur ikun miet qablu u jekk wieħed mill-ġenituri tat-testatur jew it-tnejn li huma jkunu mietu qabel it-testatur. F'dak il-każ (jekk wieħed mill-ġenituri tat-testatur jew it-tnejn li huma jkunu mietu qabel it-testatur li l-konjuġi tiegħu jkun miet qablu), is-sehem tal-patrimonju li kien imur għand kull ġenitur li kieku t-testatur miet qabilhom jintiret minn uliedu (l-aħwa tat-testatur), minn ulied uliedu, mill-proneputijiet tiegħu u minn dixxendenti oħra, f'konformità mar-regoli li japplikaw għall-każijiet li fihom it-testatur jintiret minn uliedu u dixxendenti oħra. Jekk wieħed mill-ġenituri tat-testatur ikun miet qabel it-testatur li l-konjuġi tiegħu jkun miet qablu, mingħajr ma jħalli dixxendenti, is-sehem tal-patrimonju li kien imur għand dak il-ġenitur kieku baqa' ħaj wara t-testatur jintiret mill-ġenitur l-ieħor; jekk il-ġenitur l-ieħor ikun miet ukoll qabel it-testatur li l-konjuġi tiegħu jkun miet qablu, id-dixxendenti ta' dak il-ġenitur jirtu dak li kien ikun imiss liż-żewġ ġenituri.

Testatur li ma jħalli warajh la dixxendenti, la konjuġi u lanqas ġenituri, jew li l-ġenituri tiegħu ma jkunu ħallew warajhom l-ebda dixxendent jintiret mill-werrieta fit-tielet ordni tas-suċċessjoni. Fit-tielet ordni tas-suċċessjoni, it-testatur jintiret min-nanniet tat-testatur, b'nofs il-patrimonju jintiret min-nanniet min-naħa tal-missier u n-nofs l-ieħor min-nanniet min-naħa tal-omm. In-nanniet mill-istess naħa jirtu f'ishma ugwali. Jekk wieħed minn dawn l-axxendenti minn linja waħda jkun miet qabel it-testatur, is-sehem tal-patrimonju li kien imur għand dak l-antenat kieku għex aktar mit-testatur jintiret mid-dixxendenti tiegħu (ulied, ulied ulied u dixxendenti oħra), f'konformità mar-regoli li japplikaw għall-każijiet li fihom it-testatur jintiret minn uliedu u dixxendenti oħra. Jekk in-nanniet minn linja waħda jkunu mietu qabel it-testatur mingħajr ma ħallew warajhom dixxendenti, is-sehem tal-patrimonju li kien imisshom kieku għexu aktar mit-testatur jintiret min-nanniet mil-linja l-oħra jew mid-dixxendenti tagħhom.

Testatur li ma jkun ħalla l-ebda dixxendenti jew ġenituri, jew jekk dawn ma jkunu ħallew l-ebda dixxendent jew konjuġi jew nanniet li lanqas ma jkunu ħallew dixxendenti, jintiret minn werrieta fir-raba' ordni tas-suċċessjoni. Il-bużnanniet tat-testatur jinsabu fir-raba' ordni tas-suċċessjoni. Nofs jintiret mill-bużnanniet min-naħa tal-missier (dan in-nofs jintiret f'partijiet ugwali mill-ġenituri tan-nannu patern tat-testatur u l-ġenituri tan-nanna paterna tat-testatur) u nofs jintiret mill-bużnanniet min-naħa tal-omm (dan in-nofs jintiret f'partijiet ugwali mill-ġenituri tan-nannu matern tat-testatur u l-ġenituri tan-nanna materna tat-testatur). Jekk xi wieħed minn dawn l-antenati ma jibqax ħaj, is-sehem li kien imisshom li kieku kienu ħajjin jintiret mill-antenat li kien il-konjuġi tiegħu. Jekk koppja minn dawn l-axxendenti ma għadhiex ħajja, l-ishma li kienu jmisshom li kieku baqgħu ħajjin jintirtu mill-koppja l-oħra tal-istess naħa. Jekk il-bużnanniet minn naħa waħda ma għadhomx ħajjin, is-sehem mill-patrimonju li kien imisshom li kieku baqgħu ħajjin jintiret mill-bużnanniet tan-naħa l-oħra.

Jekk ma hemmx werrieta fir-raba' linja tas-suċċessjoni, it-testatur jintiret mill-antenati aktar imbiegħda tiegħu, skont ir-regoli tas-suċċessjoni applikabbli għall-bużnanniet tiegħu.

## 5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

### 5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Il-proċedimenti tas-suċċessjoni fil-*prima istanza* jinstemgħu quddiem qorti municijali jew quddiem nutar pubbliku, b'ħala trustee tal-qorti.

Il-*ġuri* dizzjoni territorjali tal-qorti municijali biex tmexxi proċedimenti tas-suċċessjoni tiġi ddeterminata skont id-domiċilju tat-testatur fil-mument tal-mewt u, b'mod subordinat, skont il-post tar-residenza, il-post fejn tinsab il-parti predominanti tal-patrimonju tiegħu fir-Repubblika tal-Kroazja jew skont il-post fejn it-testatur huwa

rreġistrat fir-Reġistru taċ-Ċittadini (*Knjiga dr̄žavljana*). Il-qorti tafda t-tmexxija tal-proċedimenti tas-suċċessjoni lin-nutara pubbliċi li għandhom uffiċċji rreġistrati fil-ġuriżdizzjoni tagħha. Il-każijiet huma fdati lin-nutara pubbliċi skont ir-regoli adottati mill-Ministru għall-Ġustizzja. Meta jkun hemm diversi nutara pubbliċi b'uffiċċji rreġistrati fit-territorju tal-qorti, il-kawżi tas-suċċessjoni jiġu assenjati lilhom b'mod ugwali f'ordni alfabetika ta' kunjomhom, fiż-żoni territorjali ddefiniti fir-regoli.

## 5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni jew rinunzja ta' suċċessjoni (dikjarazzjoni ta' suċċessjoni) tista' ssir oralment quddiem kwalunkwe qorti muniċipali, quddiem il-qorti tas-suċċessjoni (*ostavinski sud*) jew in-nutar pubbliku li jmexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni, jew inkella dokument iċċertifikat li jkun fih dikjarazzjoni tas-suċċessjoni jista' jiġi ppreżentat lill-qorti tas-suċċessjoni jew lin-nutar pubbliku li jkun qed imexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni.

Dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni jew rinunzja għas-suċċessjoni ma tistax tiġi revokata.

Mhux obligatorju li ssir dikjarazzjoni ta' suċċessjoni. Persuna li ma tkunx għamlet dikjarazzjoni ta' rinunzja għas-suċċessjoni titqies li tixtieq tkun werriet. Persuna li tkun għamlet dikjarazzjoni valida ta' aċċettazzjoni tas-suċċessjoni ma tistax imbagħad tirrinunzja għaliha.

## 5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

Dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni jew rinunzja ta' legat tista' ssir oralment quddiem il-qorti tas-suċċessjoni jew quddiem in-nutar pubbliku li jmexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni, inkella dokument iċċertifikat li jkun fih dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni ta' legat jista' jiġi ppreżentat lill-qorti tas-suċċessjoni jew lin-nutar pubbliku li jkun qed imexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni.

## 5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Id-dritt għal sehem riżervat huwa dritt ereditarju li jinkiseb mal-mewt tat-testatur. Dak li jmissu s-sehem riżervat jista' jagħmel dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni jew rinunzja għas-sehem riżervat oralment quddiem kwalunkwe qorti muniċipali, quddiem il-qorti tas-suċċessjoni jew in-nutar pubbliku li jmexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni, inkella jista' jippreżenta dokument iċċertifikat li jkun fih dikjarazzjoni ta' suċċessjoni lill-qorti tas-suċċessjoni jew lin-nutar pubbliku li jkun qed imexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni.

Id-dritt għal sehem riżervat jiġi eżerċitat fi proċedimenti tas-suċċessjoni biss fuq talba ta' dak li jmissu s-sehem riżervat – jekk, fi proċedimenti tas-suċċessjoni, dak li jmissu s-sehem riżervat ma jitlobx sehem riżervat, il-qorti jew in-nutar pubbliku ma jkunx meħtieġ jistabbilixxi d-dritt tiegħu għal sehem riżervat.

## 6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Il-proċedimenti tas-suċċessjoni huma proċedimenti mhux kontenzjużi biex jiġi stabbilit minn huma l-werrieta tat-testatur, x'jikkostitwixxi l-patrimonju tat-testatur u liema drittijiet oħra fir-rigward tal-patrimonju jappartjenu lill-werrieta, lill-legatarji u lil persuni oħra.

Il-proċedimenti tas-suċċessjoni jinstemgħu quddiem qorti muniċipali jew quddiem nutar pubbliku, bħala trustee tal-qorti. Qorti muniċipali b'ġuriżdizzjoni territorjali biex tisma' proċedimenti tas-suċċessjoni tissejjaħ ukoll qorti tas-suċċessjoni. Il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qorti muniċipali biex tmexxi proċedimenti tas-suċċessjoni tiġi ddeterminata skont id-domiċilju tat-testatur fil-mument tal-mewt u, b'mod subordinat, skont il-post tar-residenza, il-post fejn tinsab il-parti predominanti tal-patrimonju tiegħu fir-Repubblika tal-Kroazja jew skont il-post fejn it-testatur huwa rreġistrat fir-Reġistru taċ-Ċittadini.

Il-proċedimenti tas-suċċessjoni jinfetħu *ex officio* wara li l-qorti tirċievi ċertifikat tal-mewt, estratt mir-reġistru tal-imwiet, jew dokument ekwivalenti. Il-qorti tafda t-tmexxija tal-proċedimenti tas-suċċessjoni lil nutar pubbliku bl-

uffiċċju rreġistrat tiegħu fit-territorju tagħha, tagħtih iċ-ċertifikat tal-mewt u tistabbilixxi perjodu ta' żmien għat-tmexxija tal-proċedimenti. Nutar pubbliku jmessi l-proċedimenti bħala trustee tal-qorti skont deċiżjoni tal-qorti li tafda t-tmexxija tal-proċedimenti lil u skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Suċċessjoni. Bħala regola, il-proċedimenti tas-suċċessjoni jitmexxew minn nutar pubbliku bħala trustee tal-qorti u eċċezzjonalment biss mill-qorti.

Meta nutar pubbliku jmessi azzjonijiet fi proċedimenti tas-suċċessjoni bħala trustee tal-qorti, huwa awtorizzat, bħalma jkun imħallef jew konsulent tal-qorti muniċipali, li jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa fil-proċedimenti u jieħu d-deċiżjonijiet kollha ħliet dawk li fir-rigward tagħhom l-Att dwar is-Suċċessjoni jippreskrivi mod ieħor. Jekk, fil-proċedimenti quddiem nutar pubbliku, il-partijiet jikkontestaw il-fatti li wieħed mid-drittijiet tagħhom jiddependi fuqhom (eż. id-dritt tas-suċċessjoni, id-daqs tas-sehem mill-wirt, eċċ.), jew li l-kompożizzjoni tal-patrimonju jew is-suġġett tal-legat jiddependi fuqhom, in-nutar pubbliku jrid jirrinwija l-proċess lill-qorti sabiex il-qorti tiddeċiedi dwar sospensjoni tal-proċedimenti u tidderieġi lill-partijiet biex jiftħu kawża ċivili jew amministrattiva. Jekk, waqt proċedimenti quddiem nutar pubbliku, il-partijiet jikkontestaw il-fatti li d-dritt għal legat testamentarju jew dritt ieħor jiddependi fuqhom, in-nutar pubbliku jrid jirrinwija l-proċess lill-qorti, li mbagħad tidderieġi lill-partijiet fil-kawża biex jiftħu kawża ċivili jew amministrattiva iżda ma tissospendix il-proċedimenti tas-suċċessjoni. F'każijiet speċifiċi previsti mill-Att (deċiżjoni dwar is-separazzjoni tal-patrimonju mill-proprjetà ta' werriet, dwar id-dritt ta' kowerrieta li kienu għexu jew iggwadanjaw f'unjoni mat-testatur u dwar il-qsim ta' affarijiet tad-dar), in-nutar pubbliku jista' jieħu deċiżjonijiet biss bil-kunsens tal-partijiet kollha fil-proċedimenti, inkella n-nutar pubbliku jrid ukoll jirrinwija l-proċess lill-qorti. Qorti li fdat it-twettiq tal-proċedimenti tas-suċċessjoni lil nutar pubbliku timmonitorja x-xogħol tiegħu fuq bażi kontinwa.

Seduta tas-suċċessjoni hija l-parti ewlenija ta' proċedimenti tas-suċċessjoni, u tista' tinżamm seduta waħda jew aktar ta' dan it-tip.

Ma tinżammx seduta tas-suċċessjoni jekk il-persuna deċeduta ma tkun ħallet l-ebda patrimonju jew jekk it-testatur ikun ħallet biss proprjetà mobbli u drittijiet ekwivalenti, u l-ebda waħda mill-persuni msejja biex taret ma titlob li jkun hemm proċedimenti tas-suċċessjoni.

Il-partijiet (il-werrieta, il-legatarji, persuni oħrajn li jeżerċitaw dritt fir-rigward tal-patrimonju), persuni li jista' legalment ikollhom pretensjoni għall-wirt (meta jkun hemm testament), l-eżekutor testamentarju (jekk ikun innominat) u persuni interessati oħrajn jitħarrku għal smiġh dwar is-seduta. Fit-taħrika għas-seduta, il-qorti jew in-nutar pubbliku jinnotifikaw lill-persuni interessati dwar il-bidu tal-proċedimenti u dwar jekk għax ippreżentat xi testament lilha/lilu, u jħarrku lill-persuni interessati biex jippreżentaw minnufih testament bil-miktub jew dokument li jiċċertifika t-testament orali, jekk ikun fil-pussess tagħhom, jew li jsemmu x-xhieda għat-testament orali. Dawn il-persuni interessati jkunu avżati b'mod speċifiku fit-taħrika li, sakemm tittieħed deċiżjoni fil-prima istanza dwar is-suċċessjoni, ikunu jistgħu jagħmlu dikjarazzjoni ta' rinunzja tas-suċċessjoni oralment fis-seduta jew pubblikament b'dokument iċċertifikat u li, jekk ma jattendux is-seduta jew ma jagħmlux din id-dikjarazzjoni, huma jitqiesu li jixtiequ jkunu werrieta.

Kull kwistjoni rilevanti għat-teħid ta' deċiżjoni fi proċedimenti tas-suċċessjoni, b'mod partikolari d-dritt għall-wirt, id-daqs tas-sehem mill-wirt u d-dritt għal-legati, ikunu diskussi fis-seduta tas-suċċessjoni. Il-qorti jew in-nutar pubbliku jieħdu deċiżjoni bbażata fuq ir-riżultati tas-seduti kollha. Il-qorti jew in-nutar pubbliku huwa awtorizzat jistabbilixxi l-fatti li l-partijiet fil-proċedimenti ma jkunux ippreżentaw kif ukoll biex jippreżentaw evidenza li ma jkunux ipproponew, jekk il-qorti jew in-nutar pubbliku jsibu li dawn il-fatti u l-evidenza jkunu rilevanti għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-qorti jew in-nutar pubbliku jiddeċiedi dwar id-drittijiet, bħala regola, wara li jagħmluha possibbli għall-persuni interessati li jagħmlu d-dikjarazzjonijiet meħtieġa. Id-drittijiet ta' kull persuna li, minkejja li tkun ġiet debitament imħarrka, ma tattendix is-seduta jiġu ddeliberati mill-qorti jew min-nutar pubbliku abbażi tal-informazzjoni disponibbli lill-qorti jew lin-nutar pubbliku, bit-teħid inkunsiderazzjoni tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub ta' dawn il-persuni li jaslu sakemm tittieħed deċiżjoni.

Id-dikjarazzjonijiet tas-suċċessjoni huma dikjarazzjonijiet li permezz tagħhom werriet jaċċetta jew jirrinunzja s-suċċessjoni. Kulħadd huwa awtorizzat, imma ħadd ma hu obligat, jagħmel dikjarazzjoni tas-suċċessjoni. Persuna li ma tkunx għamlet dikjarazzjoni ta' rinunzja għas-suċċessjoni titqies li tixtieq tkun werrieta. Persuna li tkun għamlet dikjarazzjoni valida ta' aċċettazzjoni tas-suċċessjoni ma tistax imbagħad tirrinunzja għaliha. Il-qorti jew in-nutar pubbliku ma huma se jirrikjedu lil ħadd jagħmel dikjarazzjoni tas-suċċessjoni, iżda werriet li jixtieq jagħmel tali dikjarazzjoni jista' jagħmel dan oralment quddiem il-qorti tas-suċċessjoni jew in-nutar pubbliku li jkun qed imexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni jew quddiem kwalunkwe qorti muniċipali oħra, jew billi

jippreżenta dokument iċċertifikat li jkun fih dikjarazzjoni tas-suċċessjoni lill-qorti tas-suċċessjoni jew lin-nutar pubbliku li jkun qed imexxi l-proċedimenti tas-suċċessjoni. Meta werriet jagħmel dikjarazzjoni ta' rinunzja tas-suċċessjoni, il-qorti jew in-nutar pubbliku jridu jwissuhom dwar il-konsegwenzi ta' tali dikjarazzjoni u jagħtuhom parir li jistgħu jirrinunzjaw għas-suċċessjoni f'isimhom stess biss jew f'isimhom stess u f'isem id-dixxendenti tagħhom.

Il-qorti twaqqaf il-proċedimenti tas-suċċessjoni u tidderieġi lill-partijiet jiftħu kawża ċivili jew amministrattiva jekk il-partijiet jikkontestaw il-fatti li wieħed mid-drittijiet tagħhom, il-kompożizzjoni tal-patrimonju jew is-suġġett tal-legat jiddependi fuqhom. Il-parti li d-dritt tagħha jitqies mill-qorti bħala inqas plawżibbli tingħata struzzjonijiet biex tiegħu azzjoni ċivili jew amministrattiva. Jekk il-partijiet jikkontestaw il-fatti li d-dritt għal legat testamentarju jew dritt ieħor jiddependi fuqhom, il-qorti tidderieġi lill-partijiet jiftħu kawża ċivili jew amministrattiva, iżda ma twaqqafx il-proċedimenti tas-suċċessjoni.

Fi tmiem il-proċedimenti tas-suċċessjoni, il-qorti jew in-nutar pubbliku jieħdu deċiżjoni dwar is-suċċessjoni. Peress li, skont id-dritt Kroat, is-suċċessjoni ssir *ipso iure* fil-mument tal-mewt tat-testatur, deċiżjoni dwar is-suċċessjoni hija ta' natura dikjaratorja. Id-deċiżjoni tiddefinixxi min ikun sar werriet wara l-mewt tat-testatur u liema drittijiet ikunu nkisbu minn persuni oħra.

Il-kontenut tad-deċiżjoni huwa stabbilit mill-Att dwar is-Suċċessjoni, kif ġej:

1. il-kunjom u l-isem tat-testatur, in-numru ta' identifikazzjoni personali tiegħu, l-isem ta' wieħed mill-ġenituri tiegħu, id-data tat-twelid tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu u, għal persuni li mietu fiż-żwieġ, kunjomhom qabel iż-żwieġ,
2. id-deżinjazzjoni ta' proprjetà immobbli b'dettalji minn kotba tal-artijiet meħtieġa għar-reġistrazzjoni u d-deżinjazzjoni ta' proprjetà mobbli u drittijiet oħra li l-qorti tkun sabet li huma parti mill-patrimonju,
3. il-kunjom u l-isem tal-werriet, in-numru ta' identifikazzjoni personali tiegħu, id-domiċilju tiegħu, ir-relazzjoni tal-werriet mat-testatur, jekk jiritx bħala werriet leġittimu jew testamentarju; jekk ikun hemm diversi werrieta, is-sehem tal-wirt ta' kull werriet espress bi frazzjoni,
4. jekk id-dritt tal-werriet huwix suġġett għal kundizzjoni, limitu ta' żmien jew struzzjoni u, jekk iva, jekk u kif b'xi mod ieħor huwa limitat jew ostakolat u għall-benefiċċju ta' min,
5. il-kunjom u l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni personali u d-domiċilju tal-persuni li, b'rabta mas-suċċessjoni tat-testatur, huma intitolati għal legat jew xi dritt ieħor li jirriżulta mill-patrimonju, b'indikazzjoni eżatta ta' tali dritt.

Deċiżjoni dwar is-suċċessjoni tingħata lill-werrieta u l-legatarji kollha, kif ukoll lill-persuni li jkunu applikaw għas-suċċessjoni matul il-proċedimenti. Deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni tingħata lill-awtorità tat-taxxa kompetenti u lill-qorti kompetenti tar-reġistru tal-artijiet mhux aktar tard minn 15-il jum wara tmiem ix-xahar li fih tkun saret finali.

F'deċiżjoni dwar is-suċċessjoni, il-qorti jew in-nutar pubbliku jordnaw li, ladarba d-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni ssir finali, jiddaħħlu l-entrati meħtieġa fir-reġistru tal-artijiet skont ir-regoli tal-liġi dwar ir-reġistru tal-artijiet u li l-proprjetà mobbli li tkun qiegħda tinżamm il-qorti, għand in-nutar pubbliku jew, jekk ikunu taw struzzjoni hekk, għand terz, tingħadda lill-persuni awtorizzati.

Qabel jieħdu deċiżjoni dwar is-suċċessjoni, il-qorti jew in-nutar pubbliku jistgħu, fuq talba minn legatarju, jieħu deċiżjoni separata dwar il-legat, sakemm dak il-legat ma jkunx ikkontestat mill-werrieta. Meta l-kompożizzjoni tal-patrimonju tkun biss parzjalment mhux ikkontestata, tista' tittieħed deċiżjoni parzjali dwar is-suċċessjoni biex tistabbilixxi l-werrieta u l-legatarji u dak li ma huwix ikkontestat bħala li jiffirma parti mill-patrimonju.

Deċiżjoni mressqa minn nutar pubbliku, bħala trustee tal-qorti fi proċedimenti tas-suċċessjoni, tista' tkun suġġetta għal oġġezzjoni. Oġġezzjoni kontra n-nutar pubbliku ssir fi żmien 8 jjiem mill-għoti tad-deċiżjoni lill-partijiet, u n-nutar pubbliku huwa meħtieġ jippreżentaha mingħajr dewmien lill-qorti municijali kompetenti, flimkien mal-proċess. L-oġġezzjonijiet jiġu ddeliberati minn imħallef wieħed. Kull oġġezzjoni li ma tkunx f'waqtha, kompluta jew ammissibbli tiġi miċħuda mill-qorti. Fid-deċiżjoni dwar oġġezzjoni kontra deċiżjoni meħuda minn nutar pubbliku, il-qorti tista' tikkonferma d-deċiżjoni tan-nutar kompletament, parzjalment jew tħassarha. Meta

d-deċiżjoni tiġi mħassra (kompletament jew parzjalment), il-qorti nnifisha tiddelibera dwar il-parti mħassra tad-deċiżjoni. Deċiżjoni tal-qorti li tħassar id-deċiżjoni notarili kompletament jew parzjalment ma tistax tkun suġġetta għal appell individwali. Deċiżjoni dwar oġġezzjoni tiġi nnotifikata lill-partijiet u lin-nutar pubbliku.

Deċiżjonijiet meħuda minn qorti tal-prima istanza fi proċedimenti tas-suċċessjoni jistgħu jkunu suġġetti għal appell jekk ma jkunx stipulat mod ieħor fl-Att dwar is-Suċċessjoni. Appell jista' jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-għoti tad-deċiżjoni tal-qorti tal-prima istanza. Appell jista' jiġi ppreżentat fil-qorti tal-prima istanza li, ladarba tiddeċiedi dwar l-appell li jkun sar fil-ħin, tista' tiegħu deċiżjoni ġdida li tbiddel id-deċiżjoni kkontestata, sakemm ma tiksirx id-drittijiet tal-persuni l-oħra li jkunu bbażati fuq dik id-deċiżjoni. Jekk il-qorti tal-prima istanza ma tbiddilx id-deċiżjoni tagħha, tibgħat l-appell lill-qorti tat-tieni istanza, irrispettivament minn jekk l-appell ġiex ippreżentat fil-ħin previst mil-liġi. Bħala regola, il-qorti tat-tieni istanza tiddeċiedi biss appelli ppreżentati fil-ħin, iżda tista' tikkunsidra wkoll appell li ma jkunx ġie ppreżentat fil-ħin, sakemm dan ma jkunx jikser id-drittijiet tal-persuni l-oħra bbażati fuq id-deċiżjoni kkontestata.

Rimedji ġuridiċi straordinarji ma humiex permessi fi proċedimenti tas-suċċessjoni.

## 7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Persuna ssir werrieta, leġittima jew testamentarja, *ipso iure* (permezz tal-liġi) mill-mument tal-mewt tat-testatur. F'dak il-mument, il-werriet jikseb dritt ereditarju u l-patrimonju tad-deċedut jiġi ttrasferit lilu bis-saħħa tal-liġi, u jsir il-wirt tiegħu. Ma hijiex meħtieġa dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tas-suċċessjoni biex jinkiseb dritt ereditarju. Werriet li ma jixtieqx ikun werriet huwa intitolat jirrinunzja għas-suċċessjoni sakemm tittieħed deċiżjoni fl-prima istanza dwar is-suċċessjoni.

Legatarju jikseb dritt għal legat mill-mument tal-mewt tat-testatur.

Proċedimenti tas-suċċessjoni li jistabbilixxu min huma l-werrieta tat-testatur, x'jikkostitwixxi l-patrimonju tat-testatur u xi drittijiet oħra fir-rigward tal-patrimonju jappertjenu lill-werrieta, lil-legatarji u lil persuni oħrajn, huma deskritti fit-tweġiba għall-mistoqsija Nru 6 relatata mal-proċedimenti tas-suċċessjoni.

## 8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Il-werrieta li ma rrinunzjawx għas-suċċessjoni huma responsabbli *in solidum* għad-djun tat-testatur, kull wieħed sal-valur tas-sehem tal-wirt tiegħu.

## 9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Il-qorti, jew in-nutar pubbliku li mexxa l-proċedimenti tas-suċċessjoni bħala trustee tal-qorti, jagħti d-deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni lill-qorti kompetenti tar-reġistru tal-artijiet *ex officio* mhux aktar minn 15-il jum wara tmiem ix-xahar li fih issir finali.

Jekk parti tippreżenta proposta għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-artijiet abbażi tad-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni jew ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, id-dokumenti li ġejjin iridu jiġu ppreżentati lill-qorti kompetenti tar-reġistru tal-artijiet:

1. proposta għal reġistrazzjoni;
2. l-orijinal jew traskrizzjoni ċċertifikata tad-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni, jew kopja tagħha b'dikjarazzjoni li d-deċiżjoni hija finali jew, jekk id-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni tkun inħarġet fi Stat Membru, kopja ċċertifikata ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni;
3. jekk id-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni jew iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma jkunux bil-Kroat, traduzzjoni bil-Kroat minn traduttur ġuramentat;
4. meta rikorrent ikun rappreżentat minn avukat, jeħtieġ li jiġi pprovdut l-orijinal ta' prokura jew kopja ċċertifikata;
5. jekk rikorrent ma jkunx ħatar avukat biex jirrappreżentah u jkun barra mill-pajjiż, ir-rikorrent huwa obligat jaħtar avukat residenti fil-Kroazja biex jirċievi d-dokumenti.

## 9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Il-ħatra obligatorja ta' amministratur tal-patrimonju ma hijiex prevista mid-dritt Kroat. Ir-raġuni għal dan hija li l-patrimonju jgħaddi lill-werrieta permezz tal-liġi fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni (meta t-testatur imut jew jiġi ddikjarat mejjet).

Madankollu, id-dritt Kroat jistipula li, f'każijiet speċifiċi, il-qorti tas-suċċessjoni taħtar gwardjan temporanju tal-patrimonju. Dan tagħmlu meta l-werrieta ma jkunux magħrufa jew ma jkunux jistgħu jinstabu jew ma jkunux jistgħu jiġu kkuntattjati, u f'każijiet oħra skont il-bżonn. Il-gwardjan temporanju tal-patrimonju huwa awtorizzat li jħarrekk jew li jitharrekk, li jiġbor pretensjonijiet jew li jħallas id-djun f'isem il-werrieta u li jirrappreżenta lill-werrieta. Fejn meħtieġ, il-qorti tista' tiddefinixxi drittijiet u dmirijiet speċjali tal-gwardjan tal-patrimonju. Il-qorti tista' taħtar ukoll gwardjan tal-patrimonju li jkun ġie sseparat mill-proprjetà tal-werrieta fuq talba tal-kredituri tat-testatur.

## 9.2 Min huwa intitolat li jeseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

Il-patrimonju jiġi amministrat mill-werrieta, bl-eċċezzjoni ta' dak li jkun ġie fdat lill-eżekutor testamentarju jew lill-gwardjan tal-patrimonju.

It-testatur jista' jaħtar eżekutor testamentarju wieħed jew aktar fit-testment. Persuna maħtura bħala eżekutor testamentarju ma hijiex obligata taċċetta dawn id-dmirijiet. Id-dmirijiet tal-eżekutor testamentarju huma speċifikati mit-testatur fit-testment. Jekk it-testatur ma jkunx ta struzzjoni speċifika, id-dmirijiet tal-eżekutor huma b'mod partikolari li:

- jieħu ħsieb u jagħmel dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi ssalvagwardjat il-patrimonju f'isem u akkont tal-werrieta;
- jamministra l-patrimonju;
- jagħmel dak li huwa meħtieġ għall-ħlas ta' djun u legati f'isem u akkont tal-werrieta.

Waqt li jagħmel dan, l-eżekutor irid jieħu ħsieb f'kull rigward li t-testament jiġi eżegwit kif mixtieq mit-testatur.

## 9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Skont id-dritt Kroat, bħala regola ma jinħatarx amministratur. Ir-raġuni għal dan hija li l-patrimonju jgħaddi lill-werrieta bis-saħħa tal-liġi fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni (meta t-testatur imut jew jiġi ddikjarat mejjet). Il-werriet jamministra u jiddisponi minn dak kollu li jikkostitwixxi l-wirt. Jekk hemm bosta werrieta, sakemm ma jkunx iddeterminat liema ishma mid-dritt tal-wirt jappartjenu lil kull werriet, il-kowerrieta jamministraw u jiddisponu minn kulma jikkostitwixxi l-wirt bħala koproprietarji, bl-eċċezzjoni ta' dak li jkun fdat f'idejn l-eżekutor testamentarju jew il-gwardjan tal-patrimonju.

Wara li deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni tiddetermina liema ishma tad-dritt tal-wirt jappartjenu lil kull werriet, dak kollu li sa dak il-mument kien proprjetà komuni jiġi amministrat u dispost mill-kowerrieta, saż-żmien tax-xoljiment tal-patrimonju, skont ir-regoli li taħthom il-kowerrieta jamministraw u jiddisponu mill-proprjetà, bl-eċċezzjoni ta' dak li kien ġie fdat lill-eżekutor testamentarju jew lill-gwardjan tal-patrimonju.

## 10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Matul il-proċedimenti, jekk ikun ġie maħtur eżekutor testamentarju, il-qorti tagħtihom, fuq talba tagħhom u mingħajr dewmien, ċertifikat li juri l-kapaċità u s-setgħat tal-eżekutor, b'istruzzjoni lil kwalunkwe persuna li d-dikjarazzjonijiet tal-eżekutor għandhom jittieħdu daqslikieku kienu tat-testatur stess. Kull min jaġixxi in *bona fede*, skont id-dikjarazzjoni tal-persuna li tkun identifikat lilha nnifisha b'ċertifikat tal-qorti bħala l-eżekutor testamentarju, ma jkun responsabbli għall-ebda dannu li jirriżulta lill-werrieta. Jekk il-qorti tiċħad l-eżekutor testamentarju, dan tal-aħħar huwa obligat li jirritorna quddiem il-qorti, mingħajr dewmien, iċ-ċertifikat li juri l-kapaċità u s-setgħat tiegħu, inkella jkun responsabbli għal kwalunkwe dannu li jista' jirriżulta minn dan.

Wara tmiem il-proċedimenti tas-suċċessjoni, tittieħed deċiżjoni dwar is-suċċessjoni. Dik id-deċiżjoni tiddetermina min sar il-werriet tat-testatur mal-mewt tiegħu u liema drittijiet inkisbu b'dan il-mod minn persuni oħra wkoll. Peress li, skont id-dritt Kroat, persuna ssir werrieta *ipso iure*, l-għan li jiġi stabbilit il-werriet ma huwiex biex jinkiseb id-dritt għall-wirt jew biex jinkiseb il-wirt stess (it-tnejn li huma jkunu diġà ġraw mal-mewt tat-testatur), iżda biss biex ikun permess u ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet u d-dmirijiet miksuba permezz tal-wirt.

L-effett tad-deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni huwa li d-deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni titqies li ddeterminat il-kompożizzjoni tal-patrimonju, min hu l-werriet tat-testatur, id-daqs tas-sehem tal-wirt li jappartjeni lilu, jekk id-dritt tal-wirt tiegħu huwiex limitat jew gravat u, jekk iva, kif, u jekk hemmx drittijiet għal legati u, jekk iva, liema.

Dak li jiġi ddeterminat mid-deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni jista' jiġi kkontestat minn persuna li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Suċċessjoni, ma hijiex marbuta bil-finalità tad-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni, b'azzjoni ċivili mal-persuni li jibbenefikaw mill-konstatazzjoni li qed jikkontestaw il-veraċità tagħha.

Id-deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni ma torbotx lill-persuni li jitolbu d-dritt għal dritt għal dak li ġie ddeterminat bħala parti mill-patrimonju, dment li ma jkunux ipparteċipaw fis-seduta tas-suċċessjoni bħala partijiet u lanqas ma jkunu ġew debitament imħarrka għaliha personalment. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni ma tkunx vinkolanti fuq persuni li jsostnu li minħabba il-mewt tat-testatur huma intitolati għal dritt għall-wirt abbażi tat-testament jew tal-liġi, jew li huma intitolati għal legat, dment li ma jkunux ipparteċipaw fis-seduta tas-suċċessjoni bħala partijiet u lanqas ma jkunu ġew debitament imħarrka għaliha personalment.

B'mod eċċezzjonali, persuni li jkunu pparteċipaw fis-seduta tas-suċċessjoni bħala partijiet jew li jkunu ġew debitament imħarrka għaliha ma humiex marbuta mid-deċiżjoni finali dwar is-suċċessjoni fir-rigward ta' kwalunkwe dritt ta' benefiċċju għalihom li joħroġ minn testament li jinstab aktar tard; fir-rigward tad-drittijiet determinati fi proċedimenti ċivili jew amministrattivi (li jkunu ngħataw struzzjonijiet biex jibdedu) wara li d-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni ssir finali; sakemm il-prerekwiżiti, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jitolbu b'kawża ċivili li l-proċedimenti jiġu rripetuti, ikunu ssodisfatti.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

---

■ L-aħħar aġġornament: 04/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.